Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

Vol. 2
Frar 1979 No. 10

# IL-BALLU TAL-PULIZIJA

BHAS-SNIN ta' qabel il-Ballu tal-Pulizija sar fil-Ball Room tal-Hotel Phoenicia fis-26 ta' Diċembru, 1978. Il-Ballu nistgħu ngħidu li bħal dejjem kien suċċess iżda l-attendenza naqset minkejja li din id-darba l-Kumitat iddeċieda li jħalli jidħlu t-tfal tal-membri tal-Korp ta' eta' mhux inqas minn 16-il sena. Tfal ta' din l-eta' ma kienx hemm aktar minn 20 u għalhekk għal darb'oħra wieħed jista' jistudja li jħalli jidħlu mhux biss it-tfal tal-membri tal-Korp iżda anke guests kif kien isir qabel. Iżda dan niġu għalih aktar tard fis-sena.

Fil-ballu kien hemm ukoll il-kantant Renato li għalkemm bi ftit 'numbers' tiegħu, qajjem allegrija mill-isbaħ u ta gost lil min kien hemm. Mistednin oħra fil-ballu kienu grupp ta' sitt żeffiena li rajnihom kemm-il darba fuq it-television Malti.

Wara kull ballu jkun hemm il-kummenti u għalhekk huwa xieraq li niċċaraw xi punti li ħafna ma jafux.

Irridu l-ewwelnett inneħħu minn ċerti mħuħ li f'dan il-ballu jsir xi qliegħ ta' flus. Għall-kuntrarju kemm il-ballu sar dejjem kien hemm it-telf u dan it-telf huwa kbir. Biżżejjed ngħidu li fil-Ballu tal-1977 kien hemm madwar £M200 telf, liema telf jagħmlu tajjeb għalih iż-żewġ Funds, jiġifieri dak ta' l-Association u l-General Fund. Sakemm morna għall-istampa kien għadu ma ġiex ikkalkulat it-telf ta' l-aħħar ballu iżda wieħed jista' jara rendikont tiegħu 'l quddiem fl-uffiċċju tagħna.

Dwar min ilmenta dwar il-ħlas għad-dħul fil-ballu, nixtieqμ ngħidu li l-flus miġbura mill-biljetti serva biss għar-rigali ta' l-ispot dance u mhux kif ħasbu xi wħud.

Kif għidna qabel, nistgħu ngħidu li l-ballu kien suċċess u nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil dawk li ħadmu u għenu sabiex dan il-ballu jirnexxi.

Waqt il-ballu tas- 26 ta' Diċembru.



# EDITORJAL

## Ħtieġa ta' POLICE CLUB

QATT daqs dawn l-aħħar xhur ma ħassejna l-ħtieġa ta' Police Club u l-ħsieb tagħna ingħaqad ma' dawk tal-ex membri tal-Korp fil-laqgħa li kellna fit-28 ta' Diċembru 1978. Dak in-nhar meta ssemma' l-ħsieb ta' dan il-Police Club kien hemm entużjażmu kbir fost il-penzjonanti u offrew l-għajnuna tagħhom sabiex jinkiseb dan il-post li ilu fi ħsiebna kif ukoll ħsiebhom għal aktar minn għoxrin sena.

Li nixtieqμ nagħmlu ċar huwa li l-iskop ta' dan il-post mhux biss wieħed għall-attivitajiet soċjali iżda għall-għanijiet oħra wkoll. Ħarġet minn fomm il-penzjonanti li hemm bżonn ta' laqgħat bejn il-Pulizija u l-ex Pulizija. Għalina l-ex membru tal-Korp mhux ċittadin ordinarju bħal ħaddieħor. Dan jista' jgħina ħafna fix-xogħol tagħna għaliex dak li jara u jisma' u jħoss li huwa ta' għajnuna għall-Pulizija ninsabu ċerti li nieħdu l-akbar koperazzjoni minn għandu. Dan, kif għidna qabel, ħareġ minn fomm il-penzjonanti u mhux tlabnieh aħna.

Skop ieħor ta' dan il-Police Club huwa naturalment wieħed ta' divertiment permezz ta' laqgħat soċjali bejnietna. Illum minkejja 'l ħafna postijiet ta' divertiment qed tinħass il-ħtieġa li jkollna l-post tagħna, fejn wieħed jista' jieħu pjaċir mingħajr ma jkun suġġett għal ċerti kontrarji. Ma aħniex Anġli u biex ma ninħarqux għandna naħarbu n-nar.

L-aħħar u l-ikbar skop ta' dan il-post huwa biex tikber l-għaqda bejnietna. Jinħtieġ li niltaqgħu aktar bejnietna flimkien mal-familji tagħna iżda dan ma jistax iseħħ jekk ma jkollniex post, POLICE CLUB.

Il-Bord Editorjali.




Miljuni ta' jeans u ġgieget Wrangler li tipproduċi Blue Bell (Malta) Ltd. isibu post l-iżjed prominenti fl-aqwa swieq tad-dinja.

Jeans u ġgieget Wrangler maħdumin f'Malta jiġu esportati għall-pajjiżi ewlenin ta' l-Ewropa u l-Lvant Nofsani.

**Blue Bell (Malta) Limited**
Qasam Industrijali ta' San Ġwann,
B'Kara. Tel: 46081

Wrangler

# MILL-ASSOCIATION

## L-Elezzjonijiet

Fil-15 ta' Jannar 1979 ħareġ ir-Writ għall-elezzjonijiet tal-Association fejn għat-tieni sena s-Suprintendent J.M. Borg ġie maħtur bħala Returning Officer biex jieħu ħsieb dawn l-elezzjonijiet. L-għaxar Units tal-Kumitati tal-Association huma dawn:

Unit Nru 1 Criminal Investigation Department/Security Branch.

Unit Nru 2 Traffic Branch, Mobile Squad u Helicopter Unit.

Unit Nru 3 General Headquarters.

Unit Nru 4 No. 1 Police District.

Unit Nru 5 No. 2 Police District.

Unit Nru 6 No. 3 Police District.

Unit Nru 7 No. 4 Police District.

Unit Nru 8 No. 5 Police District.

Unit Nru 9 Price Control Section.

Unit Nru 10 Civil Prisons.

Kull membru tal-Korp taħt ir-rank ta' Suprintendent jista' jifforma parti mill-Kumitat tal-Association.

L-ewwel fażi ta' dawn l-elezzjonijiet issir billi jintlaqgħu n-nominazzjonijiet ta' dawk li jixtiequ jkunu fil-Branch Board. Jekk in-numru ta' nominazzjonijiet ikun akbar minn dak meħtieġ għal kull Unit issir l-elezzjoni għal dak il-Unit.

Wara li jinħattru l-Branch Boards tas-Surġenti u tal-Kuntistabblijiet, jinħatru l-membri tas-Central Conference. In-numru ta' delegati fis-Central Conference ikun ta' tliet delegati għal kull sitta fil-Branch Board fil-każ tas-Surġenti u fil-każ tal-Kuntistabblijiet ikun ta' tliet delegati għal kull erba'.

Id-delegati tal - Branch Boards jaħtru wkoll il-Kumitati Ċentrali. Dawn il-Kumitati huma l-qofol ta' kollox. Il-Branch Boards ftit li xejn il-taqgħu f'dawn l-aħħar sentejn mit-twaqqif tal-Association. Is-Central Conference iltaqgħet darba biss u għaldaqstant it-tmexxija tal-Association taqa' fuq il-Kumitati Ċentrali.

Il-Kumitati ta' l-ispetturi u s-Surġenti Maġġuri ma jinħatrux bl-istess mod kif jinħattru dawk tas-Surġenti u l-Kuntistabblijiet. L-ispetturi u s-Surġenti Maġġuri huma kollha delegati tas-Central Conference u ssir elezzjoni biex jinħattru għaxra minn kull rank għas-Central Committee.

Meta jinħattru s-Central Committees kollha u kull wieħed minnhom jaħtar Chairman u Segretarju jiltaqa' l-ewwel kumitat ta' l-erba' rankijiet flimkien u jinħatar Chairman u Segretarju tal-Joint Central Committee.

# Fond ta' Beneficcju

Għal darb'oħra l-Association matul il-granet tal-Milied ħarġet madwar £M1,300 mill-Fondi tagħha, biex jiġu organizzati l-parties tat-tfal u l-Ballu. B'dawn il-flus wieħed seta jwaqqaf jew ta' l-anqas jagħti bidu biex jitwaqqaf Fond ta' benefiċċju għal dawk il-membri tal-Korp li jiġu fil-bżonn. Ta' spiss jiġu membri tal-Korp li jitolbu xi għajnuna minħabba xi mard u aħna bl-akbar mod irrisponsabbli nagħlqulhom il-bieb f'wiċċhom għaliex ngħidulhom li m'hemmx flus. Jiena nsostni li l-flus fil-parties huma ħela meta bl-istess flus nistgħu ngħinu lil dawk żvinturati.

Ta', dan jien u xi ftit min sħabi ma aħniex responsabbli u se ngħid 'l għaliex. F'Novembru li għadda waqt laqgħa tal-Kumitat tresqet mozzjoni mis-Segretarju li tgħid li għal festi tal-Milied għandhom isiru parties għat-tfal tal-membri tal-Korp għal liema parties jagħmlu tajjeb l-Association Fund u l-General Fund. Dan ifisser li n-nefqa tkun innofs u jista jingħata bidu għall-għajnuniet kif semmejna. Din il-mozzjoni jiddispjaċini ngħid li ma għaddietx.

Min-naħa tiegħi jiena mhux se nieqaf hawn u għal darb'oħra ninsisti bl-istess argumenti li għamilt qabel bl-iskop li darb'oħra ma joħorġux dawn il-flus fil-ħela meta hemm ħafna x'tagħmel bihom.

Dan il-Fund nistgħu nwaqqfuh billi mill-15 cents tal-kontribuzzjoni ngħaddu parti minnhom · għal dan il-Fund. Barra minn dan inżiduh b'xi qliegħ ta' xi entertainment li jiġi organizzat matul is-sena.

Meta jkollna l-flus nistgħu nagħtu l-għajnuniet li jiġu diskussi minn Kumitat tal-Association u meta l-każ ikun konness ma mard nistgħu wkoll nitolbu l-għajnuna tat-tabib tal-Pulizija.

Jiena nispera li l-Kumitat il-ġdid li jkollna din is-sena jittratta din il-kwistjoni bl-akbar serjeta u juża l-Fondi tal-Association b'mod responsabbli.

M. Marshall.

# Il-Kodici Kriminali

Wara 'l ħafna xogħol u spejjeż kbar biex ġie stampat il-Kodiċi Kriminali stennejna li ta' lanqas se jinġabbru l-flus li ntefqu. Dan s'issa għadu ma sarx u għad fadal ħafna dejn li naturalment irid jitħallas. Nitolbu l-koperazzjoni tagħkom.

Dawk li jixtiequ jillegaw l-ewwel volum tal-"PULIŻIJA" jistgħu jagħmlu dan billi jieħdu l-magazines fl-Uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni.

Prezz £M1.60.0.



# CARMELO FARRUGIA MELFAR LTD.

Established 1930

Telegrams: Raflem-Malta
Telex: 456 Raflem M.W.

Offices: 10, PIETRO FLORIANI STREET, FLORIANA. Tels. 623969–23858

Sales: 92, PRINCE OF WALES ROAD, SLIEMA. Tel. 31421

## CONTRACTORS TO THE CIVIL GOVERNMENT U.K. DEPARTMENT OF THE ENVIRONMENT AND UNITED STATES GOVERNMENT

***Specialists in:***

ELECTRICAL — MECHANICAL ENGINEERING — PLUMBING — GAS — AIR CONDITIONING — HEATING and VENTILATING — SWIMMING POOLS — THERMAL and ACOUSTIC INSULATION — LIFTS — INTERCOM and TELECOMMUNICATION SYSTEMS.

***Malta Representatives for:***

WORLD FAMOUS OTIS LIFTS, ESCALATORS & FORK LIFT TRUCKS • MONTGOMERIE REID FORK LIFT TRUCKS • ELECTRICAL & MANUAL HOISTING & LIFTING EQUIPMENT & CONVEYORS • PYROTENAX MINERAL INSULATED COPPER CABLES • PIRELLI DOMESTIC & INDUSTRIAL CABLES • STEEL & NON-METALLIC CONDUIT TUBES & FITTINGS • FAP-FIBO CONDUIT SYSTEMS • ELECTRICAL ACCESSORIES • LIGHTING FITTINGS • ELECTRICAL SWITCHGEARS & FUSE BOARDS • ELECTRICAL DOMESTIC APPLIANCES • AIR CONDITIONERS • WATER STORAGE CISTERNS & OIL FUEL TANKS • BOILERS & RADIATORS • WATER HEATERS • INCINERATORS • GALVANISED PIPES • BATHROOM FIXTURES • FARFISA INTERCOMS, TELECOMMUNICATION EQUIPMENT & AUTOMATIC DOOR OPENING SYSTEMS • OFFICE EQUIPMENT, ETC.

**Excellent After Sales Service and Maintenance**

# Brieret u Elmijiet Tal-Pulizija

MINN E.A.

WARA dak l-artiklu dwar il-brieret li deher fl-aħħar ħarġa ngħaddu biex naraw x'elmijiet libsu u għadhom jilbsu l-Pulizija.

*L-EWWEL ELMU ABJAD*

L-ewwel elmu li nafu bih kien dak abjad ta' għamla differenti minn dak tal-lum kif se naraw 'il quddiem. Kif jixhdu ritratti antiki dan l-elmu kien jintlibes anke mill-fizzjali xi mitt sena ilu u x'aktarx li dam sal-1917 meta daħal l-elmu l-ieħor.

L-ewwel elmu abjad kellu żewġ faxxi suwed madwaru kif jidher fir-ritratt u kien daqsxejn iżgħar minn dak li għandna llum. Fl-opinjoni tiegħi u ta' ħafna oħrajn dan l-elmu kien isbaħ minn tal-lum. Fuq dan l-elmu kienet titpoġġa lis-'spike' kif għadna nagħmlu sal-lum.

*L-ELMU ISWED*

Fl-għoxrinijiet daħal l-elmu iswed li ta lil Pulizija Maltin xejra Ingliża. Infatti dan l-elmu għadu jintlibes sal-lum mill-Pulizija Ingliża. F'Malta dan l-elmu kien jinlibes mal-'great coat' u minn tagħrif li akkwistajt sirt naf li dan l-elmu kien jintlibes fil-Belt Valletta. L-istess elmu kien jintlibes mill-membru tal-kavallerija tal-Pulizija f'ċerti skorti, parati u ċerimonji simili. Fuq dan l-elmu iswed kienet tintlibes l-isbaħ arma li l-Pulizija kellha, jiġifieri dik l-arma wżata llum fuq il-faldrappa taż-żwiemel tal-kavallerija.

*IT-TIENI ELMU ABJAD*

It-tieni elmu abjad huwa dak li għandna llum u li nilbsuh f'parati, ċerimonji eċċ. Dan l-elmu beda jintlibes mill-membri tal-Korp għal ħabta tal-1917 meta anke ħarġu ordnijiet dwaru. F'dawn l-ordnijiet insibu' kif kellha titwaħħal l-arma u meta kellha titwaħħal lis-spike. Din ta' l-aħħar kienet titwaħħal fuq l-elmu fil-Ħdud u l-festi u f'xi okkażjonijiet speċjali.

Irrid ngħid ukoll li fuq dan l-elmu titwaħħal l-arma l-kbira u mhux dik użata fil-beritta. Għad fadal ħafna membri tal-Korp li jiftakru meta dan l-elmu kien għadu jintlibes mill-Pulizija fuq il-beat. Ordnijiet antiki juru li dan l-elmu kien jintlibes bein it-tmienja ta' filgħodu u l-erba' ta' wara nofs in-nhar, naturalment minħabba x-xemx. Dan kien isir fix-xhur tas-sajf.

*L-ELMU TAL-ĦADID*

L-elmu tal-ħadid milbus mill-Pulizija fi żmien il-gwerra ma nistgħux ngħidu li huwa purament pulizjesk. Dan l-elmu kien u għadu jintlibes mis-suldati. Fuq dan l-elmu ma kinetx titwaħħal l-arma iżda kien ikun hemm il-kliem M.P. (Malta Police).



L-ewwel elmu abjad



L-elmu iswed



It-tieni elmu abjad



L-elmu ta' żmien il-gwerra




L-elmu tar-riots

BiM LIMITED

# A complete range of specialised products and industrial services




- Steel Office Furniture
- Office Partitioning
- Air Conditioning Ducting
- Kitchen Cabinets & Furniture
- Cable Trunking
- Galvanized Doors & Windows
- Solar Water Heaters
- Commercial Glasshouses
- Aluminium Windows
- Industrial Electroplating
- Brass Castings
- Precision Tool Making
- Production Machining
- Hot Dip Galvanizing

*For estimates, jobbing and Industrial enquiries contact*

BiM LIMITED

Industrial Estate Marsa
Tel: 25411/2; 26170
26658

TKOMPLI MINN P.5

*L-ELMU TAR-RIOTS*

Elmu ieħor jixbaħ lil dan ta' l-aħħar huwa dak milbus meta jkun mistenni xi nkwiet. Dan l-aħħar rajnieh bosta drabi waqt il-logħob tal-football fl-istadium. Dan l-elmu huwa tal-fibre glass u huwa ħafif ħafna.

Elmu ieħor tar-riots huwa dak milbus riċentement ukoll waqt il-logħob tal-ballun fl-istadium. Dan l-elmu huwa tal-ħadid u tajjeb ħafna għar-riots peress li għandu l-visor, iżda daqsxejn tqil u jgħajjik.

*ELMIJIET TAL-PULIZIJA TAT-TRAFFIKU*

Kif rajna fl-artiklu l-ieħor il-Pulizija tat-traffiku mhux minn dejjem kienu jilbsu l-elmu meta jsuqu l-mutur. Fl-ewwel żmenijiet tal-muturi tat-traffiku kienet tintlibes beritta b'cover abjad. Skond tagħrif li akkwistajt mingħand ex-membri tal-Korp li kienu fost l-ewwel pulizija tat-traffiku fuq il-mutur dan l-elmu ġie milbus fi żmien meta s-Sur Coppola kien inkarigat mill-Pulizija tat-traffiku.

Matul dawn l-aħħar żmenijiet il-Pulizija tat-traffiku libsu diversi elmijiet differenti u rajna wkoll il-kelma "PULIZIJA" fuq dan l-elmu flok il-kelma "POLICE". Elmu ieħor milbus minn dawn il-Pulizija huwa dak li jilbes l-'over-rider' f'xi skorta tal-muturi. Dan l-elmu huwa ta' kulur ikħal.

Dan kien tagħrif dwar parti mill-uniformi tal-Pulizija — il-beritta u l-elmu. F'ħarġiet oħra nitkellmu dwar il-buttuni u partijiet oħra tal-uniformi. Ħasra li ma nstabux brieret antiki bħal ma huma l-kepe' u l-forage cap. Lanqas elmijiet ma għandna u nafu biss kif kienu mir-ritratti.

Nieħu din l-okkażjoni biex nagħmel appell lil dawk li għandhom xi partijiet tal-uniformijiet antiki tal-Pulizija biex jgħadduhomna.





# KONT TAF...?

□ Il-Quddies fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija jsir fil-Ħdud u Festi Kmandati fit-8 ta' fil-għodu u kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fin-nofs siegħa. Sa ftit taż-żmien ilu fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar il-Quddiesa kienet issir fil-5 p.m.

Fid-Depot issir il-funzjoni kollha tal-Għid il-Kbir u tal-Milied, dik li nafuha bħala l-Quddiesa ta' nofs il-lejl.

Il-Quddies fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija beda jsir mill-1 ta' Ottubru 1939 fid-Depot tal-Belt Valletta, kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fis-7.15 a.m. Kienet ukoll issir Quddiesa xahar wara l-mewt ta' xi membru tal-Korp għar-ruħu.

Ta' min isemmi wkoll li s-sena l-oħra fit-3 ta' Mejju reġgħet saret il-Quddiesa tal-Festa tas-Salib. Kif irrapportajna f'Ġunju din il-Festa kienet tiġi ċċelebrata b'pompa kbira mill-Pulizija kull sena u fost iċ-ċelebrazzjonijiet kien ikun hemm naturalment il-Quddiesa.

**L-elmijiet tal-Pulizija tat-Traffiku**



**L-elmu tar-riots**







# DAI Trading Agency

**Kingsbridge Building**

**Msida Circus — Msida**

**Telephone : 37119**

(THE BIGGEST DOMESTIC ELECTRONIC PRODUCTS BUSINESS IN MALTA)

*Representing:*

SONY CORPORATION
JVC-NIVICO CORPORATION
CLARION COMPANY LIMITED
HITACHI CORPORATION
RISING COMPANY LIMITED
FUJITSU-TEN CAR STEREO
GOODMANS LOUDSPEAKERS LIMITED
TANNOY COMPANY LIMITED
B & W COMPANY LIMITED
SPENDOR COMPANY LIMITED

*assure their clients that they always keep in stock about 12,000 different items of spare parts and accessories. Efficient quick repair service of their products is also assured.*

# L-ewwel "GET-TOGETHER" tal-Penzjonanti.

MINGĦAJR ebda dubju, l-akbar attivita organizzata mill-Association matul il-festi tal-Milied kienet il-'Get-together' għall-ex-membri tal-Korp. Din il-laqgħa għad tibqa' tissemma' fl-istorja tal-Korp. Dan mhux qed ngħiduh aħna biss, iżda qaluh ukoll dawk li attendew għal din il-laqgħa.

Il-preparamenti għal din il-laqgħa ma kienux kbar minħabba l-ftit ħin li kellna biex inħejju għaliha u kollox sar ta' malajr għalkemm irnexxa.

Ix-xogħol għal din il-laqgħa beda billi ntbagħtu madwar 800 ittra lill-ex-membri tal-Korp. Hawnhekk nixtiequ nagħmluha ċara li ndirizzi akkwistajna biss ta' dawk l-ex-membri li għadhom jikkontribwixxu għall-Mutual Help Association għaldaqstant jista' jkun il-fatt li kien hemm xi ex-membri li ma ġewx mistiedna. Dan sar l-għaliex ma kellniex l-indirizz.

Mit-800 penzjonant kien hemm ħafna minnhom Għawdxin li ma setgħux jattendu. Dan bassarnieh minn qabel iżda xorta waħda bagħtna l-istedina. Minn 800 ittra ġew madwar 180 tweġiba li kien bi ħsiebhom jattendu għal dan il-'get-together'. Fost l-ittri li rċevejna kien hemm xi wħud li qalulna li għalkemm xtaqu jattendu għal din il-laqgħa minħabba xi ċirkostanzi ma setgħux iżda xtaqu li din tibqa' ssir kull sena bl-iskop li fil-ġejjieni jkunu jistgħu jattendu.

Dak in-nhar ta' din il-laqgħa kien hemm xena sabiħa fil-Canteen tal-Pulizija. Biżżejjed ngħidu li kien hemm anke min qabżitlu xi demgħa bil-ferħ. Barra l-Jazz Band tal-Pulizija kien hemm ukoll grupp ta' għannejja u żewġ gitarristi. L-ex-Surġent Manwel Mifsud (Iċ-Ċoċċa) u sħabu għannew għana għall-okkażjoni u taw pjaċir lil kull min kien preżenti.

Il-Kummissarju tagħna f'kelmtejn lil dawn il-penzjonanti fakkarhom fi żmenijiet tal-imgħoddi b'mod speċjali ta' żmien il-gwerra meta l-Pulizija ħadmet bis-sħiħ u batiet. Il-Kummissarju qal ukoll li llum, fejn dak iż-żmien, il-Pulizija kienet sinjura.

Dak in-nhar tal-laqgħa ġie preżentat rigal żgħir lil dak il-penzjonant li ilu l-aktar bil-penzjoni u li kien preżenti. Aħna nafu li forsi mhux possibbli li ikollok fis-sala l-ixiaħ penzjonant u għalhekk iddeċidejna li r-rigal nagħtuh lil ixjaħ wieħed li jattendi għal din il-laqgħa. Xtaqna wkoll li r-rigal ikun xi ħaġa ta' aktar valur iżda dan ma stajniex nagħmluh minħabba l-finanzi limitati li kellna. L-iktar penzjonant anzjan kien Ġanni Borg li telaq mill-Korp tal-Pulizija fl-1948 wara li serva għal madwar 26 sena. Ġanni Borg ġie preżentat b'arma tal-Pulizija mwaħħla fuq biċċa rħam ta' Malta.

Wara din il-laqgħa kienu bosta li sabuna u qalulna biex din il-laqgħa tibqa' ssir kull sena u li kienu lesti anke jħallsu għaliha. Smajna bosta kummenti sbiħ li nkoraġġewna biex nerġgħu nagħmlu laqgħa simili sena oħra, iżda dwar dan nitkellmu aktar 'il quddiem.

**Waqt il-'Get-Together' tal-Penzjonanti**



# THE ROLE OF THE POLICE IN CONTEMPORARY SOCIETY — PREVENTIVE FUNCTION PART 11

*by*

*J. WOODCOCK, Q.P.M.*

***Chief Constable, North Yorkshire Constabulary***

If you examine the situation in the population today you will find that, to a large degree, the class structure that I have just mentioned has practically disappeared and in its place has developed the philosophy that those that have the most material things are higher in the structure of society. In other words the family with the biggest car and the best house, the biggest deep freeze, the nicest refrigerator, the most sophisticated automatic washing machine or washing up machine has established itself, through material benefits, as being better than the neighbours who might not have such sophisticated equipment.

This principle applies irrespective of the profession or occupation of individuals. The importance that people now place on acquiring material benefits, has produced an overwhelming desire for both the husband and the wife to go out to work to earn as much money as they can. Principally there is nothing wrong in husband and wife striving hard to better the family circumstances but the absence of both parents, at the crucial times of the day, has frequently meant that a child has been left to its own devices and has consequently not had the right degree of supervision and care at the time when it is most needed. This has frequently resulted in children, either through devilment or boredom, drifting into areas of crime.

Often when things at school have not being going too well they have been able to go absent from school without anyone seeming to care. When they are absent from school they automatically fall into the areas where they are most vunerable to crime. Truency, as absence from school is called, it so frequently an ingredient of criminality in young people.

Many changes in the educational system in Great Britain have not helped the schools or the education authorities to discharge their responsibilities to young people. Due to the advance in educational standards, it has been thought right and proper to increase the curriculum available for pupils. Whilst the reasons for changing the educational system may be sound, in order to introduce it there have been some disadvantages, particularly the fact that the schools in quesion may not be purpose built. In order to take part in different subjects, children may have to travel from one building to another, often quite considerable distances apart.

This means that the opportunities for them to go absent from school have increased. At the same time, the difficulties that face teachers in constantly having to take a roll call of those present have proved impracticable.

In looking at the juvenile crime picture, one has at the same time to examine the attitudes of the adult population. Many adult people in Great Britain hold the view that young people today are not as well behaved as they were 30 or more years ago.

Children are often openly condemned by adults because of their lack of standards. What the adult people seem to fail to recognise is that if their conduct when they were young was better it was certainly not due to their own particular attributes but was largely because their parents ensured that their conduct was acceptable at all times.

The fact that the conduct of children today leaves so much to be desired is a greater reflection on the parents today than it is on the children themselves. When a crime rate is rising (and I would suspect that the same picture applies in many other countries) then the people who are at fault are the parents, the teachers the church, society in general and the police service.

It is worth mentioning for a few moments, outside of the religious context, the part that the church played in society some years ago. At a time when entertainment in the form of television and cinemas was not so prevalent, the church played an important role, not only in a religious context, but also as the centre of a community and the provider of entertainment in the wider sense. I realise that the various denominations are conscious of the fact that they have not kept pace with the changes in society.

The availability of television in partically every household in the country has brought many benefits. People are generally better informed about a considerable number of topics of interest. However, television has, by the same token, brought many evils into the minds of young people.

Producers of television programmes have frequently used the media to bring to the notice of the public aspects of crime from the criminals' point of view. It is not unknown for them to show the details of a skilled burglar's activities and it necessarily follows that from time to time they must have stimulated the interests of some people to take part in crime because it has all the ingredients of excitement and challenge. It can also be so rewarding. Years ago, it was said that crime did not pay because the chances of detection were high. Today, even in the very good places, the detection rate runs at only about 50%, so right from the beginning there is more than an even chance that any crime will go undetected. Society has failed to recognise that young people need challenges, they need excitement and they need to feel the sense of achievement.

Quite recently, in the North East England, celebrations have been marking the 250 years since Captain Cook set

sail to discover Australia. The fact that an Englishman should be so enterprising in going out into the world to discover other places is a characteristic that most people admire. The challenges that Captain Cook and many other people faced are the challenges needed by the young people of today. There are no new countries to discover, just about everything that can be achieved has been achieved. Young people, nevertheless, still feel the same desire to do something that is difficult and dangerous, every bit as much as Captain Cook did 250 years ago.

I feel that many young people who feel frustrated in this way turn to crime as an activity that produces challenge, excitement and a sense of achievement. It is the responsibility of society to ensure that it provides activities to create challenge, excitement and a sense of achievement outside the field of crime in order to relieve young people of frustration. It is significant that when the British Army faces times of difficulty and danger, the recruiting level runs at its highest.

This tends to support the fact that young people recognise the dangers but so desperately need the challenge. In the North East of England, there are a considerable number of "Potholes". These are underground caves where young people spend their leisure hours discovering new caverns and passage ways underneath the Earth's surface.

From time to time people get themselves in difficult and dangerous situations and this demands that the authorities set up rescue teams. It costs money to provide the rescue activities. Some responsible members of society object to providing money to rescue people who put themselves in danger.

Whilst I understand that point of view, nevertheless, I feel that it is far more sensible to provide money to get people out of dangers and encourage them to take part in such activities than to allow children to drift into criminal acts as an alternative. It costs society much more in pain and suffering as well as financial terms when young people resort to crime.

In recent years a scheme called "The Duke of Edinburgh Award Scheme" has provided young people with many challenges. To obtain the highest award in that particular scheme young people must be exposed to dangers and survive. It teaches them self discipline to face the difficulties of life whilst providing challenge and achievement.

We must ask who is responsible for ensuring that young people are properly trained? Whose responsibility is it to teach young people that society, if it is going to exist peacefully, must have rules? I believe that the police of today are the leaders in society and should do every thing in their power to try to teach and guide young people in particular, so that they avoid criminality.

It is not enough for the police service to be responsible only for the detection of offences once they have been committed. In many areas of Great Britain new activities are taking place aimed at producing better behaviour in the young. I firmly believe that these are so worth while and I shall outline some of the areas where work has been successfully carried out. The new initiatives could be the key to many of the problems that we have faced in recent years. Whether it is ethically correct for the police to take on those responsibilities really matters not.

What is important is that by failing to take up the leadership we have not helped society as much as we can do. In order to achieve these things it will take time to change the entrenched attitudes of some police officers. How very much we have become indoctrinated with our detection role could easily be illustrated by a visit to any detective office in any British police station.

If you asked the detectives assembled there if they had a successful year and, assuming they had, you then asked them why it had been successful, they would probably say it was because the detection rate was better than before, that the number of people arrested was greater; and that the number of times they had been required to attend court had increased They would constantly be "spelling out" a defensive detective element and rarely, if ever, would they say anything that would illustrate that they have done any work to prevent the crimes happening in the first place.

### Involvement with Schools

I mentioned earlier the need for the police and the public to work in close harmony and the importance of the patrolling police officer to meet and speak with members of the public. Although, in recent times, the contact with the police and the public has diminished, it would be foolish to think that at one time it was ideal. Two years ago, a survey was carried out in part of a city in the South West of England which established that over 80% of the adult population had never personally spoken to a police officer in the previous year and many had never ever spoken to a policeman.

It clearly served to illustrate that adults tended to speak to policemen only if they were in some sort of trouble or their position in society led them to meet from time to time (e.g. friends, relatives, elected representatives, magistrates, teachers, leaders of industrial or private firms). It is fortunate that the city in question is a relatively good place to live and does not have a high crime rate by comparison to many other towns or cities of a similar population. It is not unreasonable to believe that about 80% of most urban populations have had no contact with the police in recent times.

**To be Continued.**




# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo Experts

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates, even to AUSTRALIA, CANADA, UK and USA.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK, USA and CANADA.
WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.
SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**

Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

# DARMANIN ENTERPRISES LTD.

## The Home Handyman Centre.

**GENERAL IMPORTERS & AGENTS**
**Sir Paul Boffa Avenue – Paola – MALTA**
**Tel: 606957**

BARRUS

SHAPER CRAFT FOR THE WEEKEND PROFESSIONAL.
YOUR POWER DRILL NEVER HAD THIS MUCH VERSATILITY BEFORE.

scheppach
machinery

THE MULTI-PURPOSE WOOD WORKING MACHINES FOR THE PROFESSIONAL OR HOME WORKER.

DRAPER

THE NAME FOR QUALITY TOOLS SINCE 1919.

MASON MASTER

MASONERY DRILLS
GLASS CUTTERS
TOOL CLIPS
TILE CUTTERS
KNIFE SHARPENERS

# L-AĦĦAR TISLIMA LILL-KUNTISTABBLI CARMELO PACE

Fid-19 ta' Jannar, 1979 il-Pulizija tat l-aħħar tislima lill-aktar Kuntistabbli anzjan tal-Korp, Carmelo Pace, li ħalla din id-dinja fit-18 ta' Jannar.

Il-Kuntistabbli Pace li għal dawn l-aħħar snin kien xufier ta' l-Assistent Kummissarju, kien raġel bi kwalitajiet sbieħ ta' pulizija. L-indafa, l-ubbidjenza u l-ismartezza li kellu kienu juruk bniedem idejali għall-Korp.

Il-funeral ta' Pace beda ftit qabel id-9 ta' fil-għodu tad-19 ta' Jannar mid-dar tiegħu għall-Knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun fejn ġiet ċonċelebrata quddiesa minn għaxar membri tal-kleru. Dan is-servizz liturġiku ġie mmexxi mill-kleru ta' San Gejtanu l-Ħamrun, il-Kappillan tal-Pulizija, xi Ġiżwiti u Saċerdoti oħra ħbieb tal-familja Pace.

Wara l-quddiesa l-kadavru ttieħed għaċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata akkumpanjat minn bosta qraba, ħbieb, membri tal-Korp fosthom il-Kummissarju, l-Assistent Kummissarju A.M. Tommasi, fizzjali oħra tal-Korp u rappreżentanti ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija.

Kif rajna fil-funeral ta' preċiżament sitt xhur ilu, jiġifieri dak ta' Long, il-kadavru ta' Pace ġie skortat mid-dar sal-Knisja u mill-Knisja saċ-Ċimiterju minn skwadra ta' muturi tat-traffiku.

Fiċ-ċimiterju kien mistenni li l-kadavru jittieħed safejn il-Kappella minn fejn jittieħed fuq il-qabar skortat minn kontinġent ta' Pulizija, iżda minħabba l-maltemp, il-kadavru kellu jittieħed mill-ewwel safejn l-oqbra tal-Pulizija li kienu mdawra bil-pulizija kif isir fiċ-ċerimonja tat-tberik ta' l-oqbra f'Novembru.



**Waqt il-Quddiesa fil-Knisja ta' San Gejtanu, Ħamrun**

Wara l-funzjoni reliġjuża u t-tberik tal-kadavru sar id-dfin u wara tpoġġew il-kuruni tal-fjuri. Ta' min isemmi li fost il-kuruni tal-fjuri kien hemm waħda forma ta' ankra mibgħuta mill-membri tal-Korp stazzjonati fid-"W" Division magħruf bħala l-Water, f'liema diviżjoni Pace serva għal bosta snin.

Minn dan il-magazine nixtiequ nagħtu l-kondoljanzi tagħna lil mart Pace u lil uliedu, fosthom l-Ispettur Gejtu Pace li wkoll nafuh u lil ħuh li dalwaqt narawh magħna fil-Korp, u l-familja kollha tiegħu.

## APPREZZAMENT

Aħna li hawn taħt jidher isimna bħala 'sentries' tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nixtiequ nuru s-sogħba tagħna għat-telfa ta' wieħed minn sħabna C. Pace.

Pace kien iqatta' ħafna ħin ħdejna s-sentries tal-'Gate' u ta' sikwit konna nsibu l-għajnuna pronta tiegħu f'dak li konna niltaqgħu miegħu fix-xogħol tagħna. Barra minn dan konna nsibuh ukoll sabiex jieħu ħsieb il-Gate waqt li mmorru nieħdu xi te mill-Canteen tagħna.

Nixtiequ nagħtu l-għomor lill-familja ta' Pace u nwegħduha li nibqgħu niftakru f'Karmnu fit-talb tagħna.

P.C. 960 J. Xerri
P.C. 832 M. Tanti
P.C. 1106 E. Pisani
P.C. 723 A. Bonnici
P.C. 300 D. Xuereb

We always have space for you no matter what size...

...through our groupage system.

We accept any proportion of containerised space grouped in our containers from the U.K. and Italy to Malta and vice-versa.

**CONCORDE SHIPPING LTD**
'Contir House', Ninu Cremona Street, Paola.
Tel. 23848, 22594.




# ROADHOUSE BUSKETT

presents NIGHTLY – INTERNATIONAL CABARET

- **'X' LIVE DISCO every *Monday*.**
- **TEA-TIME SHOW every Sunday.**
- **FOLKLORE *NIGHT* every Wednesday and Friday.**
- ***RESIDENT BAND AQUARIUS***



*Folklore Dancers*

Book in advance to avoid disappointment Telephone **674233 — 626542**

**IL-PULIZIJA U L-LOTTERIJA NAZZJONALI**

Xi xhur ilu taħt l-istess titlu ppubblikajna l-konnessjonijiet li kellu l-Korp tal-Pulizija mal-Lotterija Nazzjonali. Illum taħt l-istess titlu se ngħidu x'konnessjonijiet kellha l-aħħar fażi ta' din il-lotterija mal-Pulizija. Kif ħafna jafu r-rebbieħ ta' l-ewwel premju ta' din il-lotterija kien kuntistabbli, li filwaqt li kien jistrieħ fil-frank, sab ruħu sinjur.

Il-kuntistabbli Portelli huwa miżżewweġ u joqgħod l-Għarb, Għawdex. Huwa daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Ottubru tal-1969. X'aktarx li Portelli huwa l-ewwel membru tal-Korp li messitu x-xorti li jirbaħ l-ewwel premju ta' din il-lotterija. Minn dan il-magażin aħna nawguraw lis-Sinjur u s-Sinjura Portelli.

Ta' min isemmi wkoll li għat-tlugħ ta' din il-lotterija kien hemm ukoll għall-ewwel darba l-Jazz Band tal-Pulizija u forsi kienet din il-Jazz Band li ġabet ir-risq lill-Kuntistabbli Portelli.

**Ritratt: Il-Kuntistabbli Portelli mal-mara tiegħu.**



# Attivitajiet mill-Pulizija Għawdxin

□ L-attivitajiet organizzati mill-Pulizija stazzjonati f'Għawdex għal żmien il-Milied bdew fis-26 ta' Diċembru, 1978 b'Dinner Dance li sar fit-Tokk Restaurant fejn attendew 75 membru tal-Korp flimkien man-nisa tagħhom.

Fis-6 ta' Jannar, 1979 sar il-party tat-tfal tal-membri tal-Korp fl-Oratorju Dun Bosco. Għal dan il-party ġew mistiedna wkoll it-tfal ta' Lourdes Home ta' Għawdex. Ġest sabiħ mill-Pulizija Għawdxin li ftakru wkoll fi tfal inqas ixxurtjati minn tagħhom. Għal dan il-party daqqet il-Jazz Band tal-Pulizija.

Dak in-nhar tal-Party tat-tfal, fl-istess post jiġifieri fl-Oratorju Dun Bosco, il-Kuntistabbli Portelli jew aħjar is-Sur Portelli għaliex sakemm jaslulkom dawn il-keltemjn is-Sur Portelli jkun irtira mill-Korp, ta riċeviment għall-Pulizija ta' Għawdex. Is-Sur Portelli, li kif taraw f'paġna oħra f'dan il-magażin, rebaħ l-ewwel premju tal-lotterija nazzjonali ta dan ir-riċeviment lil sħabu qabel irtira mill-Korp.

---

# DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GĦAL KULL XAHAR**

Min Hu Kristu Għalija?<br>
Huwa Dak li ta Ħajtu Għalija<br>
Ħalli Jiena nagħti Ħajti għal Ħuti.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

□ Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H A. tax-xahar ta' Frar kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Kuntistabbli 413 Carmel Sant



ex-Kuntistabbli 200 Carmel Craus.

Ħdimna magħhom f'ħajjithom. Ma ninsewhomx wara mewthom fit-talb tagħna — Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ______________________

Address ______________________

______________________






# TOMBOY

## Chocolate Cream Liqueur

You have to try it to acquire

its unique, exciting, sophisticated

modern taste.

GAMBAROTTA

Representatives: TESSONS LTD. - 75 Liesse Hill, Valletta. Tel: 624672 - 21996




Tfal,

Naf li l-ewwel paġna dedikata għalikom fix-xahar ta' Diċembru li għadda ilqajtuha tajjeb. Peress li sa issa ma rċevejtx talbiet minn għandkom għal xi informazzjoni partikulari, sejjer inkompli fejn ħallejt dak inhar, jiġifieri bittlett sensiliet dwar informazzjoni fuq pajjiżi differenti, dwar Astronomija ħafifa u dwar xi tagħrif fuq l-istorja ta' Artna.

**PAJJIŻI TAD-DINJA:**

F'kull ħarġa qed nagħżel pajjiż skond l-alfabet. L-aħħar darba tajtkom tagħrif dwar pajjiżi li l-isem tagħhom jibda minn "A" sa "E". Illum se nagħtikom tagħrif dwar ħamsa oħra:—

**FRANZA:**
Belt Kapitali — PARIĠI. Popolazzjoni: 52,920,000. Tip ta' Gvern: DEMOKRAZIJA PRESIDENZJALI. Tip ta' Flus: FRANK FRANĊIŻ.

**ĠERMANJA (FEDERALI REPUBBLIKA) (West)**
Belt Kapitali: BONN. Popolazzjoni: 61,510,000. Tip ta' Gvern: DEMOKRAZIJA FEDERALI; Tip ta' Flus: MARK ĠERMANIŻ.

**HONDURAS:**
Belt Kapitali: TEGUCIGALPA. Popolazzjoni: 2,830,000. Tip ta' Gvern: REĠIM MILITARI. Tip ta' Flus: LEMPIRAS.

**INDIA:**
Belt Kapitali: DELHI. Popolazzjoni: 610,080,000. Tip ta' Gvern: DEMOKRAZIJA PARLAMENTARI. Tip ta' Flus: RUPEE.

**JAPAN:**
Belt Kapitali: TOKYO. Popolazzjoni: 112,770,000. Tip ta' Gvern: MONARKIJA KOSTITUZZJONALI BI TMEXXIJA DEMOKRATIKA PARLAMENTARI. Flus: YEN.

F'ħarġa oħra nitkellmu dwar aktar pajjiżi. Nispera li dan ittagħrif issibuh interessanti.

WARA li fl-ewwel darba li ltqajna qanqalna ftit ta' l-interess dwar l-istilel, illum se nagħtu ħarsa ħafifa lejn xi pjaneti. Għażilt l-aktar li jinteressawna, jiġifieri id-DINJA (tagħna), il-QAMAR u x-XEMX. Għalina li ngħixu fiha, id-Dinja tagħna tidher kbira. Iżda din fil-fatt hija biss parti żgħira mis-sistema ta' pjaneti u Satelliti li jduru max-XEMX.

Huwa wkoll żball li naħsbu li d-Dinja tagħna qegħda fiċ-Ċentru ta' dan kollu. Fil-fatt, issistema SOLARI li fiha qegħda d-Dinja, hija parti żgħira missistema jew "GALAXY" imsejħa l-"MILKY WAY", li fiha jinsabu madwar 100,000 miljun Stilla. Terġa', il-MILKY WAY hija biss parti waħda minn miljuni ta' galaxies li jiffurmaw l-UNIVERS. Dan biex ikollkom ideja ta' kemm huwa immens l-UNIVERS.

Il-QAMAR huwa l-eqreb ġar tagħna. Jinsab 348,291 kilometri 'l bogħod mid-Dinja. Komparat ma' l-immensita' ta' l-ispazju, dan 'il bogħod huwa biss (kif jgħid il-Malti) daqs tefa' ta' ġebla 'l bogħod. Il-QAMAR idur mad-Dinja mhux f'ċirku, iżda f'forma ovali msejħa "ELLIPSE" li tfisser li d-distanza bejnu u bejn id-dinja tvarja skond il-pożizzjoni li jkun fiha l-QAMAR. Peress li l-QAMAR idur fuq l-"AXIS" tiegħu bejn wieħed u ieħor flistess ħin li tieħu d-Dinja, aħna kważi dejjem naraw l-istess parti tiegħu. Fil-QAMAR m'hemmx ATMOSFERA, ħoss jew ħajja u l-GRAVITA' hija ferm anqas minn tad-Dinja.

Iċ-Ċentru ta' kollox, fis-sistema SOLARI tagħna, hija x-XEMX. Id-dawl u s-sħana tagħha jagħtu l-ħajja lil kull ma hemm fid-Dinja. Mingħajrha kien ikun hawn biss lejl fid-Dinja u lkoll konna mmutu millkesħa. Għalkemm hija tant importanti għalina, ix-XEMX ukoll hija sempliċiment Stilla oħra bħal miljuni oħra. Kieku x-XEMX u s-sistema SOLARI tagħha kellhom jisparixxu l-effett fuq l-UNIVERS ikun daqs kieku naqset still oħra. Bħal ma qed jiġri lill-Istilel l-oħra, ix-XEMX qegħda bil-mod il-mod tiksaħ, u biljuni ta' biljuni ta' snin oħra għad ukoll tispiċċa għal kollox.

Nispera li dan it-tagħrif ukoll issibuh interessanti. Min ikollu xi diffikulta' f'din il-materja, nieħu gost li nirrispondih.



**Il-Kummissarju u s-Sinjura Cachia mat-tfal tal-membri tal- Korp stazzjonati fil-H.Q.**

# FAVORIT

## ELECTRONIC TELEVISIONS




**Favorit TV** — Two years guarantee

Perfect 'Favorit' T.V. Technique
Brilliant and Contour
Sharp Picture



**Portable Favorit Mini TV** — Six months guarantee

SEE IT — TRY IT —
AND YOU WILL BUY IT

Sole Agents:

**JOGAL ENTERPRISES LTD.**

147, Old Bakery Street, Valletta — Tel: 28994

# Retina Microwave Burglar Alarm 100% Security

# Do not hesitate! This can happen to you



## Install NOW a "RETINA" SECURITY SYSTEM.

We have a system to meet everybody's pocket, YES we can supply a system starting from £M90.

Whether it is for a Private Dwelling, Business premises, Banks, Embassies, Warehouses etc., we have a system to meet your requirements and this also includes Surveillance Closed Circuit Television and Photographic Surveillance equipment.

**Enquires:**
**Retina Telecommunications Co. Ltd.**
**School Street, Fgura.**
**Telephone: 882246/8**




WARA waqfien temporanju fl-aħħar ta' Novembru u fl-ewwel ħmistax ta' Diċembru 1978, minħabba rehearsals konnessi mal-Parata ta' Jum ir-Repubblika, l-isportivi tagħna komplew bil-parteċipazzjoni fil-leagues tal-Football u Basketball. S'issa huwa biss f'dawn iż-żewġ sports li l-isportivi tagħna huma attivi regolarment. Nittama li fil-ġejjieni qarib, dejjem sakemm l-esiġenzi tas-Servizz jippermettu, ikollna parteċipazzjoni mill-membri tagħna fi sport ieħor bħal Bodybuilding, Billiards/Snooker, Darts, Table Tennis u oħrajn.

Pereżempju, fil-każ tal-Bodybuilding, naf li għandna membri biżżejjed biex niffurmaw team verament qawwi li bih inkunu nistgħu nipparteċipaw f'Contests lokali li jsiru fi ħdan l-I.F.B.B. Dan jista' jkun possibbli jekk aktar membri, mhux biss George Abela, jitħajjru jerġgħu jibdew it-training bis-serjeta'. Dawk il-membri li huma interessati huma mħeġġa jikkomunikaw miegħi jew ma George Abela, fil-Belt.

L-istess jista' jingħad għal sport ieħor ta' ġewwa, bħal dak li semmejt fuq, li ma jitolbux wisq sforz. Nittama li ma ndumux ma nibdew kompetizzjoni "open" tas-Snooker fuq il-mejda tal-Canteen biex b'hekk jingħata bidu għal parteċipazzjoni tagħna anke f'dan l-isport sabiħ. Ta' bilfors ikolli nirritorna għal Football u Basketball biex intikom tagħrif dwar il-parteċipazzjoni tat-teams tagħna.

*FOOTBALL*

Fi grupp "C" tal-League għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-Statali, it-team tagħna lagħab l-ewwel żewġ logħbiet li minnhom akkwista tlett punti, b'rebħa u draw. L-ewwel logħba kienet kontra KNIGHTSHALL (PWD) li saret fil-Ground tal-Marsa u spiċċat b'rebħa għat-team tagħna bl-iskor ta' 1—0. Kif jiġri f'logħbiet li nilagħbu ma' teamijiet inferjuri, il-players tagħna, fl-eċċitament li jkollhom biex jiksbu goal kmieni, meta dan idum ma jasal, jeffettwa ferm il-livell tal-logħob tagħhom. U hekk ġara f'din il-logħba, għaliex għalkemm konna superjuri għall-avversarji, kien biss goal li ġie tard fit-tieni taqsima li tana ż-żewġ punti.

Fit-tieni logħba li saret fil-ground ta' Manoel Island nhar l-Erbgħa, 3.1.79, kontra t-team tas-Spinning and Weaving, li huwa wieħed mill-aħjar teams fil-grupp, għalkemm ma rbaħniex, il-players tagħna lagħbu ferm aħjar mill-ewwel logħba biex finalment, riżultat ta' draw (0—0) kien wieħed ġust u għalina kien punt mirbuħ meta l-avversarji riedu bilfors rebħa biex iżommu fl-ewwel post tal-klassifika.

Il-logħob li kien imissna nilagħbu meta kont nipprepara dan l-artiklu kienu kontra l-Engineer Instrument, nhar is-16 ta' Jannar u kontra l-Mid-Med Bank u l-logħba li tagħlaq l-ewwel round kontra EMW Kirkop. Ta' min isemmi wkoll il-logħba tajba li t-team tagħna lagħab kontra Selezzjoni tal-Lukandi fl-Istadium nhar id-19 ta' Diċembru 1978 li spiċċat fi draw ta' 1—1.

TKOMPLI P.20

# Profil

Dan ix-xahar, il-Profil Sportiv huwa riservat għall-aħwa Mallia. Fit-team tagħna bħalissa hemm tlett aħwa li huma Joe, Lawrence u Mario, it-tlieta li huma players prominenti fl-għażla tagħna. L-aħwa Mallia ġejjin minn familja verament sportiva u f'din il-familja hemm aktar players ta' ċertu livell. Joe u Lorry ilhom żmien twil jiffurmaw parti mit-team tagħna waqt li għal Mario dan huwa l-ewwel staġun fit-team tal-Pulizija. Il-preżenza ta' dawn it-tlett aħwa toħloq rekord fl-istorja sportiva tagħna u dan ir-rekord mhux faċli li jiġi mtejjeb. Barra milli jiffurmaw parti mit-team magħżul, Joe għamel żmien jilgħab għat-team tas-CID/S!! filwaqt li Lorry għamel l-istess fit-team tas-Sliema Dist. Mario daħal fil-Korp ftit xhur ilu u huwa eliġibbli li jilgħab għat-team tan-No. I Dist. meta l-league tad-Distretti jkun organizzat.

Fir-ritratt, l-aħwa Mallia jidhru mal-korrispondent tagħkom qabel l-ewwel logħba li t-team magħżul tagħna kellu kontra t-team tan-KNIGHTS-HALL (PWD).



TKOMPLI MINN P19

## APPREZZAMENT

Lill-Editur,
"Il-Pulizija",
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija,
Furjana.
11.1.79
Sur Editur,

Jiena hawn taħt iffirmat nixtieq li permezz ta' dan il-magażin "Il-Pulizija" sinċerament nirringrazzja l-membri tal-Korp tal-Pulizija stazzjonati fid-diviżjoni ta' Tas-Sliema tal-kontribut tagħhom u li kienu tant pronti biex jagħtuni l-għajnuna anki finanzjarja barra minn dik morali fl-aktar mument li jien u l-familja tiegħi kellna bżonn.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Pulizija hawn taħt imsemmija:

Spettur Alfred Debattista, Surġenti Maġġuri Pawlu Tanti u Pawlu Grech u s-Surġenti Toni Tanti u Pawlu Grech Mallia.

Fl-aħħar, iżda żgur mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lill-Kuntistabbli Nru 500 Lorry Mallia stazzjonat Tas-Sliema tax-xogħol bla għeda li għamel għalija u għall-familja tiegħi.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk li forsi ma semmejthomx iżda li b'xi mod tawni l-għajnuna matul dawn l-aħħar ġranet.

C. DEMICOLI,
Surġent Nru. 470.

## Att ta' min ifaħħru



☐ Fil-lejl tal-14/15 ta' Diċembru, 1978 il-Pulizija kellha tuża l-arma tan-nar fil-bżonn attwali ta' difiża leġittima meta ħalliel armat ħebb għal Kuntistabbli 1131 Alfred Attard.

Diversi diviżjonijiet tal-Pulizija bagħtu messaġġi ta' tifħir lil dan il-Kuntistabbli għall-att ta' qlubija li wera dak in-nhar.

Ta' min ifaħħar ukoll il-ħidma tal-Kuntistabbli Nru. 123 J. Zammit li għen lil Kuntistabbli Attard.

Il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija bagħtu wkoll ittri ta' tifħir lil dan il-Kuntistabbli.

Logħba oħra ta' min isemmi, fuq nota differenti kienet dik li saret bejn l-Uffiċjali u l-Other Ranks (Veterani) fix-Xagħra tal-Furjana fil-21 ta' Diċembru, 1978 li spiċċat 1—0 favur l-Other Ranks. Din kienet logħba organizzata fil-ġranet ta' festi bil-ħsieb li sservi biex tinżamm armonija bejn ir-rankijiet u fil-fatt irnexxiet ħafna tant li għandha tinżamm logħba bħala annwali.

*BASKETBALL*

It-team tagħna tal-Basketball kompla bit-tħejjija u parteċipazzjoni fil-kamp lokali u kellu dawn il-logħbiet.

Nhar it-2 ta' Jannar 1979, logħba ta' ħbiberija kontra Paola Wolves li t-team tagħna tilef 64—96. Naturalment dan it-team li jinsab fit-Tieni Diviżjoni għandu livell aqwa minn tagħna. Logħbiet ma' teams bħal dawn iservuna biex nitħejjew aktar għall-impenji kompetittivi li jkunu ġejjin. Nhar is-6 ta' Jannar 1979 kellna mbagħad il-logħba mportanti tal-league kontra Blue Bell li tlifna 35—46. Kif juri l-iskor, il-logħba kienet ferm kumbattuta u kienet logħba li bi ftit aktar attenzjoni stajna rbaħna. Nistennew issa l-aħħar logħba ta' l-ewwel round kontra Sabras li nittamaw li nirbħu biex inżommu postna fl-ewwel postijiet tal-klassifika. Infakkar li dan il-"Promotion League" fih żewġ rounds u l-ewwel tnejn li jispiċċaw fil-klassifika, sena oħra jidħlu fil-League Nazzjonali tat-Tielet Diviżjoni.

## MILL-IMGHODDI



BIEX inkomplu aktar fuq il-lotterija nazzjonali, għal dan ix-xahar għażilt ritratt tal-Banda tal-Pulizija waqt it-tlugħ tal-lotterija nazzjonali. Dan ir-ritratt ġie meħud fl-1 ta' Jannar, 1950 f'Misraħ ir-Reġina l-Belt Valletta. Dak inhar il-banda kienet taħt it-treġija tas-Surmast Carmelo Brincat.